Erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elf disa' mija wiehed u disghin (1991).

Quddiemi Nutar Dottor Patrick Critien qeghdin jidhru personalment:-

Minn-naha l-wahda:-

Arthur Gatt, pensjonant, bin il-mejtin Joseph u Emmanuela nee' Micallef, imwieled Cospicua u joqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 249227M).

U minn-naha l-ohra:-

Joseph Gatt, self-employed, bin Arthur u Rosaria nee' Muscat, imwieled il-Marsa u joqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 102153M).

Bis-sahha ta' dan l-att il-komparenti Arthur Gatt qieghed ibiegh u jittrasferixxi lill-komparenti Joseph Gatt, li jaccetta, jixtri u jakkwista l-flat numru wiehed (1) formanti parti mill-block ta' erba' flats minghajr numru li jismu 'Capricorn Flats', mibni fuq id-dar li jisimha Gawhra, f'Victory Street, Gzira, konfinanti dan il-block mal-kwart mat-triq, tramuntana ma' beni ta' Charles Brincat u nofsinhar ma' beni tal-venditur, liberu u frank, flimkien ma' kwart indivis tal-partijiet komuni kollha tal-block inkluz il-bejt, u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu.

Dan il-bejgh qed isir u qed jigi accettat bil-prezz ta' sitt telef lira Maltin (LM6000) li l-venditur jiddikjara li qieghed jircievi u jhalli ricevuta skond il-ligi fuq dan l-att.

Il-venditur jiggarantixxi l-pacifiku pussess tal-proprjeta' mibjugha skond il-ligi u biex jaghmel tajjeb ghal dan jipoteka l-beni tieghu kollha in generali, presenti u futuri, favur il-kompratur, li jaccetta.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) jigi dikjarat illi l-venditur akkwista l-art li fuqha bena d-dar u block sovraposta b'titolu ta' bejgh minghand il-Baruni Salvino

Testaferrata Moroni Viani u ohrajn in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis tat-tlett (23) ta' Ottubru elf disa' mija tmenin (1979).

Ghal din ir-raguni jiena Nutar hawn taht iffirmat niddikjara li dan il-bejgh mhux soggett ghad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) jigi dikjarat illi l-ammont ta' Taxxa dovuta fuq dan il-bejgh hu ta' mitejn u tlettax il-lira Maltin (LM213.00.0).

Maghmul, moqri u pubblikat wara id-debita spjegazzjoni f'Malta, l-Gzira, Victory Street, fid-dar bla numru li jisimha 'Gawhra'.

Firmati: Arthur Gatt

Joseph Gatt

Dr. Patrick critien
Nutar Pubbliku

DIPARTIMENT TAT-TAXXI INTERNI

Ricevuta Nru. 18065 tadata 25 ta' Gunju, 1991.

Ircevejt minghand in-Nutar P. Critien is-somma ta' mitejn u tlettax il-lira Maltin (LM213) ghat-taxxa kif dikjarat minnu bhala dovut fuq strument esegwit fl-atti dwar Bejgh il-Gzira bejn Arthur Gatt u Joseph Gatt.

(Firmat): R. Borg

ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni

Nutar P. Critien

True Copy
28/6/2023

PATRICK CRITIEN LL.D
Notary Public & Commissioner for Oaths
MALTA

Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre